MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Numru 52/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**

**vs**

**Philip Chircop**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Philip Chircop ta’ 29 sena iben il-mejjet Publius u Doreen xebba Abela, mwieled Pieta nhar 13 ta’ Mejju 1977 u residenti No. 26B, Triq l-Ajkla, Bormla, detentur tal-karta ta’ l-identita 134578M gie akkuzat talli:

a) Nhar it-30 ta' Novembru 2005 f xi hin filghodu f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' flus u deheb minn fond sitwat Azzopardi Flats, Flat No. 3, Triq Parisio, Sliema liema serq hu kwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-elf lira maltin, liema serq sar ghad detriment ta' Jovan Prokic minn tas-Sliema; (Art 261, 263 267, u 269)
b) talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, liema hsara taccedi Lm50 (hamsin lira maltin) u li sar ghad-detriment ta' Jovan Prokic minn tas-Sliema; (Art 325 1 b)
c) u aktar talli fl-istess dati, hin lok u cirkostanzi, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom; (Art 334)
d) finalment akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta' artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-akkuza c) li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza a) li tirrigwarda serq u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza c).

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi a), b), u d) migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi a), b) u d) migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Jean Cali bhala rappresentanta tal-Caritas iddikjarat li l-imputat

presentement jinsab jaghmel kors ta' riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga gewwa San Blas u jidher li ghal dawn l-ahhar hames (5) xhur mexa tajjeb.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u d-Difiza iddikjaraw li fid-dawl tal-fatt li l-imputat qieghed jattendi kors ta' riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga, umilment issugerixxu li l-Qorti f'kaz ta' piena karcerarja, tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li l-piena li ghandu jservi l-imputat ma tkunx ta' xkiel sabiex l-imputat ikompli bil-programm ta' riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga li ghaddej bhalissa.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b), (c) u (e), 263, 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 281(a), 325(1)(b), 17, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Philip Chircop fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi a), b) u d) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u dak dikjarat minn Jean Cali fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u minn naha l-ohra l-fedina penali xejn felici tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Brian Muscat ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija.

Inkwantu ghal akkuza c) li tirrigwarda ricettazzjoni migjuba kontra l-imputat fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imsemmija akkuza c) stante li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza a) li tirrigwarda serq.

Il-Qorti, fid-dawl tal-fatt li l-imputat qieghed jattendi kors ta' riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga, tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li l-piena ta' prigunerija li nghata l-imputat b'din is-Sentenza ma tkunx

ta’ xkiel sabiex l-imputat ikompli bil-programm ta’ riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga li ghaddej bhalissa.

Finalment il-Qorti tordna, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------